MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA**

Seduta tat-30 ta' Awwissu, 2011

Numru. 960/2005

**Il-Pulizija**
**Spettur Johann Fenech**
**Vs**
**SANDRO MIFSUD**

**Illum 30 ta Awwissu 2011.**
**Il-Qorti:-**

Rat li l-imputat **ALEXANDER sive SANDRO MIFSUD** Mifsud ta' sitta w ghoxrin (26) sena bin Michael u Maria nee' Azzopardi imwieled Pieta nhar it-tlettax t'April, 1973 u residenti fil-Facilita Korrettiva ta' Kordin gie imressaq quddiemha fl-erbgha w ghoxrin t'Ottubru 2005 u akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer fil-11 ta' Marzu 2000 u jiem ta' qabel gewwa l-Isptar ta' Mt. Carmel, Attard, f'hinijiet differenti-

a. *"Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga eroina, specifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-medicini perikoluzi, Kap 101 tal-ligijiet ta' Malta lill-persuna jew persuni jew ghall-uzu ta persuna/i minghajr ma kellu licenzja mill-President ta'*

*Malta, minghajr ma kien awtorizzat bir-regoli tas-sena 1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) jew minn xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li jforni id-droga u minghajr ma kien fil-pussess t'awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tas-sitt taqsima ta' l-Ordinanza imsemmija u minghajr ma kellu licenzja jew xort' ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga msemmija w dan bi ksur tar-regolament 4 tar-regoli ta' l-1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medici Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*b. Kellu fil-pussess tieghu id-droga eroina specifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-medicini perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pusess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort' ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga imsemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga imsemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolament 8 tar-regoli ta' 1939 dwar il-kontroll Intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kienitx ghall-uzu esklussiv tieghu.*

*c. Talli ikkommetta dawn ir-reati lil persuna jew persuni li qieghdin isegwu programm ta' kura jew ta' riabilitazzjoni mid-dipendenza mid-droga u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha.*

*Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija barra milli tapplika il-piena skond il-ligi tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta."*

Rat id-dokumenti kollha esebiti fosthom il-kunsens tal-Avukat Generali datat 26 ta' Mejju 2000 (Dok CSH 1 a fol. 7 tal-atti) sabiex din il-kawza tigi trattata b'mod sommarju u deciza minn din il-Qorti kif presjeduta, f'din l-istess kompetenza.

Rat il-*proces verbal* esebit fl-atti nhar l-erbatax (14) ta' Novembru 2005 liema *process verbal* gie redatt mill-Magistrat Dottor Carol Peralta, pero' minnufih il-Qorti tirrileva li l-allegati statements ta' Lawrence Attard, George Farrugia u Charles Mugliette ma jinsabux inseriti fih. Rat ukoll li fl-istess seduta din il-Qorti kif preseduta kienet ikkonfermat l-esperti nominati fl-inkjesta u ghamlithom taghha tul din il-kumpilazzjoni.

Semghet lill-**Ispettur Josric Mifsud** jixhed nhar l-14 ta' Novembru 2005 u jghid li huwa kien gie nfurmat fil-11 ta' Marzu 2000 li kien hemm diversi persuni li kienu qieghdin mizmuma fl-Isptar Monte Carmeli fid-divizjoni tal-habs, fejn dawn stqarrew li riedu jaghmlu stqarrija kontra persuna li kienet qed tipprovdilhom id-droga gewwa l-habs. Dawn kienu dehru quddiemu w stqarrew li l-imputat dakinhar stess kien ipprovdielhom id-droga eroina w bhala hlas kien ha affarijiet ohra, bhal sigaretti w oggetti ohra, li kienu gabulhom familjari taghhom. Dawn in-nies allegatament kienu Lawrence Attard, George Farrugia u Eliot.

Aktar tard jghid li dawn dehru quddiemu, rrilaxxjaw statement u kkonfermaw il-kontenut tieghu u kienu sahansitra anke kkonfermaw kollox quddiem il-Magistrat ta' l-Ghassa li dakinhar kien il-Magistrat Carol Peralta.

In segwitu' ghalhekk huwa kien baghat ghall-imputat odjern u dan irrilaxxja stqarrija li tinsab esebita fl-atti u mmarkata bhala Dok. CSH fejn cahad dak li gie allegat fil-konfront tieghu, u cioe' li kien ghadda droga lil terzi

persuni waqt li kien fl-Isptar Monte Carmeli, izda ammetta li kien sniffja xi droga eroina li kien tah Eliot. Mistoqsi jekk irrizultalux li dawn it-tlieta min-nies xtaqu jaghmlu vendikazzjoni mill-imputat, jghid li dan ma rrizultalux.

Illi fis-seduta tad-disgha w ghoxrin (29) ta' Novembru 2005 din il-Qorti kienet ordnat lill-Pulizija Ezekuttiva sabiex tesebixxi kopja tar-rizultati tat-testijiet li ghamel Dr. Renald Blundell u in oltre f'din l-istess seduta l-Uficcjal Prosekutur iddikjara li huwa kien ha xhieda guramentata ta' certu Lawrence Attard, George Farrugia u Charles Mugliette, u ghalhekk din il-Qorti ordnat li tali xhieda guramentata tigi esebita quddiemha.

Aktar tard fil-proceduri w cioe' fit-tlettax (13) ta' Mejju 2009 dan ix-xhud esebixxa tliet (3) statements rilaxxjati minn George Farrugia, Lawrence Attard, kif ukoll ittra li giet moghtija lilu minn Charles Mugliette waqt li kien detenut l-Isptar Monte Carmeli.

Illi dakinhar stess l-avukat difensur tal-imputat talbet li dawn id-dokumenti esebiti mill-Ispettur Josric Mifsud jigu sfilzati peress li ma jikkostittwux prova, peress illi l-original taghhom li kellhom ikunu fil-*proces verbal* ma jinsabux esebiti fl-atti, w ghalhekk m'hemm l-ebda prova li dawn gew ikkonfermati quddiem Magistrat, kif *del resto* trid il-ligi w il-Qorti kienet irriservat li tipprovdi ulterjorment.

Semghet lil **Dr Renald Blundell** jixhed fis-seduta tad-disgha w ghoxrin (29) ta' Novembru 2005 u jikkonferma li huwa kien gie nominat fl-inkjesta mill-Magistrat Dottor Carol Peralta sabiex jaghmel l-analizi xjentifici tieghu rigward dan il-kaz u fil-fatt stqarr li huwa kien ipprezenta r-rapport tieghu quddiem il-Magistrat Peralta, pero' fl-atti tal-*proces verbal* dan ir-rapport ma jinsabx. Huwa esebixxa rapport li sar fil-konfront tal-imputat odjern fejn stqarr li huwa seta' jikkonferma li fit-13 ta' Marzu 2000 waqt li l-imputat kien fil-habs, huwa ha kampjun tal-awrina tal-imputat u dan ta rizultat posittiv ghall-prezenza ta' droga. Huwa esebixxa kopja ta' dan ir-rapport li gie mmarkat bhala Dok. RB (fol. 40). Huwa fil-fatt ha wkoll kampjun tal-awrina ta' George Farrugia u Charles Mugliette

dakinhar stess u ghamel il-verifiki tieghu sabiex jistabilixxi jekk kienx hemm presenza tad-droga eroina, u bla tlaqliq jghid li dawn taw rizultat negattiv ghal tali presenza.

Illi fl-istess seduta tad-disgha w ghoxrin (29) ta' Novembru 2005 xehed **Godwin Sammut** u kkonferma li huwa kien gie nominat fl-atti tal-inkjesta u jghid li huwa kien prezenti l-hin kollu ma' Dr. Blundell meta rrediga t-test li ghamel, u kien f'posizzjoni li jikkonferma dak kollu li qal l-istess Dr. Blundell.

Illi nhar it-tlettax (13) ta' Mejju 2009 xehed **PS 114 Massimo Persiano** w qal li jekk il-memorja ma tfallihx huwa kien ix-xhud ta' l-istqarrija li kien irrilaxja l-imputat. Fil-fatt huwa gie muri l-istqarrija tal-imputat rilaxxjata nhar it-13 ta' Marzu 2000 u kkonferma li fuqha kien hemm il-firma tieghu.

**Lawrence Attard** xehed nhar it-tletin (30) ta' Gunju 2009 u qal li huwa jaf lill-imputat odjern il-habs, ghaliex kien hemm diversi drabi. Mistoqsi jekk jiftakarx li kien baghat ghalih l-Ispettur Josric Mifsud, jghid li jiftakar izda ma jafx fuq xhiex. Mistoqsi jekk jafx lil Charles Mugiette wiegeb fil-posittiv u jispjega li darba minnhom waqt li kien l-Isptar Monte Carmeli kien hemm l-imputat u kien ser ikollu xi jghid ma' dan Mugliette u dan fuq xi kwistjoni ta' droga. Huwa ndahal fin-nofs ghaliex l-imputat beda jtih. Jghid li dan l-incident sehh zmien ilu u minn dakinhar 'il quddiem huwa jinsab taht kura medika w ma jiftakar xejn aktar. Mistoqsi x'kienet id-droga jghid li ma jafx.

**Charles Mugliette** xehed nhar it-tletin (30) ta' Gunju 2009 u qal li jaf lill-imputat il-habs peress li kien ilu hemm zmien twil. Jghid li ma jiftakarx li kien baghat ghalih l-Ispettur Josric Mifsud. Qal li huwa jinsab taht kura medika u jiehu hafna pilloli. Ikkonferma li waqt li kien il-habs huwa qatt ma kellu droga ghalkemm hadha waqt li kien hemm. Ikkonferma li huwa ilu l-habs ghaxar snin u din kienet l-ewwel darba li tela' l-Qorti dwar dan il-kaz. Mistoqsi jekk qattx iggieled mal-imputat jghid li ma jiftakarx ghalkemm ma jidhirlux li kien il-kaz.

Rat in-nota tad-Direttur tal-Qrati Kriminali esebita fl-atti nhar il-15 ta’ Mejju 2009 li biha nforma lill-Qorti li minn tfittixija li huwa ghamel personalment sabiex ifittex l-istqarrijiet guramentati ta’ George Farrugia, Charles Mugliette u Lawrence Attard, huwa ma sab xejn minnhom u t-tfittxija tat rizultat negattiv.

Rat il-verbal taghha tad-disgha w ghoxrin (29) t’Ottubru 2010 fejn il-Prosekuzzjoni ddikjarat li din il-Qorti ghandha tistrieh fuq l-istqarrijiet esebiti minnha peress illi fic-cirkostanzi dawn huma l-ahjar prova li l-istess prosekuzzjoni setghet tressaq.  L-avukat difensur tal-imputat ghal darb’ ohra talbet li dawn it-tliet statements jigu sfilzati stante li minn imkien ma jirrizulta li dawn kienu guramentati.  Ghalhekk il-Qorti ordnat l-isfilz taghhom.

Illi nhar is-sitta w ghoxrin (26) ta’ Novembru 2009 il-Prosekuzzjoni regghet ressqet lil **Lawrence Attard** jixhed u dan wara li ddikjaratu bhala xhud ostili.  Qal li l-Isptar Monte Carmeli tela’ kemm-il darba waqt li kien il-habs u seta’ kien il-kaz li huwa rrilaxxja statement lill-Ispettur Josric Mifsud. Ikkonferma li kien irraporta lill-Psikjatra tieghu li gol-Isptar kien hemm min qed jiehu d-droga, pero’ kkonferma li l-imputat lilu qatt ma tah droga, ghalkemm huwa minnu li ra lill-imputat jaghti droga lil George Farrugia, izda imbaghad jikkoregi ruhu u jghid ma jafx jekk kinitx droga jew le, ghax pakkett rah itih (sottolinear ta din il-Qo rti).  Jghid li ma jistax jiftakar dak li kien gara disa’ snin qabel.  Qal li hu ilu ghaddej fuq kaz li m’ghandux x’jaqsam mieghu, u cioe’ ta’ omicidju, ghal dawn l-ahhar ghaxar snin u minhabba f'hekk spicca qed jiehu hafna pilloli.

Rat illi fis-seduta tal-ewwel (1) ta’ Gunju 2010 l-imputat irregistra ammissjoni dwar l-akkuza (b), u cioe’ pussess ta’ droga eroina u talab li jkun hemm *pre-sentencing report* u dan peress, illi l-imputat kien ghadu kemm hareg minn tnax-il sena habs. Ghal dan il-ghan, seduta stante, din il-Qorti nnominat lil Senior Probation Officer Miriam Sevasta sabiex thejji dan ir-rapport.

Rat il-verbal li gie registrat mill-partijiet fis-seduta tas-27 ta' Lulju 2011 fejn inghad is-segwenti:-
*"Id-Difiza ghall-imputat Sandro Mifsud terga' ttenni t-talba taghha lil din Onorabbli Qorti sabiex ma tihux konjizzjoni w tisfilza l-istatements prezentati mill-Ispettur Josric Mifsud fis-seduta tat-13 ta' Mejju, 2009 tal-persuni George Farrugia, Charles Mugliett u Lawrence Attard, stante li mhumiex konfermati bil-gurament u inoltre huma fotokopja mhux awtentikata ta' dawn l-istatements u ghalhekk m'ghandhom l-ebda valur probatorju kontra l-imputat.*

*Il-Prosekuzzjoni tikkontendi li t-tliet statements riferuti ghalihom mid-Difiza huma l-aqwa prova li kellha f'idha l-Pulizija fin-nuqqas tal-Proces Verbal, fuq l-istatements guramentati. Ghaldaqstant il-Prosekuzzjoni hi tal-fehma, umilment, li dawn l-istatements jibqghu fl-atti sabiex tiehu konjizzjoni taghhom il-Qorti. Inoltre dawn gew esebiti w konfermati bil-gurament mill-Ufficjal Investigattiv l-Ispettur Josric Mifsud.*

*Id-Difiza tigbed l-attenzjoni tal-Qorti ghall-istatement tal-imputat tat-12 ta' Marzu, 2000, u titlob lill-Qorti biex invista tas-sentenzi fl-ismijiet "**Il-Pulizija vs Alvin Privitera**", "**Il-Pulizija vs Renios Farrugia**" u tas-sentenza mill-Qorti Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem "**Salduz vs Turkija**", fejn gie dikjarat li statement ta' imputat mehud minghajr ma jinghata l-fakolta' li jikkonsulta ma' avukat qabel jirrilaxxja tali statement, hu leziv tad-dritt fundamentali ta' imputat ghal smiegh xieraq, u ghalhekk id-Difiza umilment titlob lill-Qorti ma tihux konjizzjoni ta' dan l-istatement.*

*Il-Prosekuzzjoni tikkontendi li dawn is-sentenzi msemmija mid-Difiza, partikolarment dik fl-ismijiet "**Salduz –vs- Turkija**" gew moghtija mis-sena 2008 lil hawn u ghaldaqstant m'ghandhomx ikunu applikabbli ghal dan il-kaz li sehh fis-sena 2000."*

Semghet lill-Ufficcjal prosekutur u id-Difiza jittrattaw il-kaz u jawtorizzawha tghaddi ghas-sentenza finali.

Ikkunsidrat:-

Ta’ min ifakkar li fi proceduri penali, l-*onus* tal-prova tistrieh fuq il-Prosekuzzjoni matul il-kumpilazzjoni kollha, bhala regola generali, u hija l-eccezzjoni li d-Difiza trid tipprova xi haga.

Il-**Manzini** fil-ktieb tieghu ***Diritto Penale*** *pg. 234 Vol III* jghid: *“Il cosi detto onero della prova, cioe il carico di fornirla spetta a chi accusa.*"
Illi ghalhekk m’hemmx dubbju li kollox jiddependi fuq kredibilita’ tax-xhieda, u cioe’ fuq dak li ddeponew ix-xhieda tal-Prosekuzzjoni waqt li kienu fuq il-pedana tax-xhieda.

Din il-Qorti hija f'posizzjoni ferm aktar favorevoli minn Qrati ohra sabiex taghmel ezami sewwa w bir-reqqa tal-provi mressqa quddiemha, u dan ghaliex wara li l-kaz gie moghti lilha mid-Direttur tal-Qorti hija ghexet il-process kollu, u hadet iz-zmien taghha biex tigbor u tisma’ *viva voce* l-provi kollha, w ghalhekk setghet tikkontrolla l-kredibilita’ u l-veracita’ tax-xhieda prodotti quddiemha.

Illi l-Qorti ghamlet apprezzament tax-xhieda ai termini tal-**Artikolu 637(1)** tal-Kap 9, u dan billi qieset l-imgieba, l-kondotta u l-karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xhieda ghandhiex mis-sewwa jew hix konsistenti w ta' fattizzi ohra tax-xhieda taghhom, u jekk ix-xhieda kinetx imsahha minn xhieda ohra, u rat ic-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Illi din il-kawza ilha pendenti quddiem il-Qorti ghal zmien twil, u cioe’ ghal sitt snin, u tikkoncerna reati li saru hames snin qabel. Illi dan id-dewmien zgur li mhux attribwibbli la lill-Qorti u wisq inqas lill-imputat, pero’ zgur li kkreja disturb lejn l-amministrazzjoni tal-gustizzja, u dan ghaliex hemm dokumentazzjoni importanti li sparixxiet u qatt ma giet esebita u in oltre x-xhieda lahqu nsew dak li riedu jghidu, w ghalhekk kien l-imputat biss li gawda minn dan il-hela ta’ zmien kollu.

Jirrizulta li bejn is-sitta (6) ta’ Dicembru 2005 sat-tlettax (13) ta’ Mejju 2009 ma gie registrat l-ebda progress, tant li kien hemm zmien meta l-kawza kienet ukoll intbaghtet Sine Die.

Kunsiderazzjonijiet legali.

Illi d-difiza ghamlet zewg talbiet fis-seduta tas-27 ta' Lulju 2011 u cioe:-

1. Li l-Qorti tordna l-isfilz ta l-istatement ta' l-imputat u dan ghaliex ma kienx assistit minn Avukat waqt l-interrogatorju; u
2. Li l-Qorti tordna l-isfilz tal-istatements ta' Lawrence Attard, George Farrugia u Charles Mugliette u dan ghaliex huma fotokopji ta' statements ta' terzi li mhumiex ammissibli salv jekk ma gewx konfermati bil-gurament minn l-istess terzi – haga li ma tirrizultax provata mill-atti processwali.

Il-Prosekuzzjoni sostniet fl-ewwel lok li fiz-zmien meta l-imputat irrilaxxja l-istqarrija, ma kienx ghad hemm ligi li bniedem arrestat w interrogat kellu xi dritt bil-ligi li jkun assistit minn Avukat, u fit-tieni lok l-istqarrijiet tat-terzi persuni esebiti ghalkemm huma fotokopji huma l-ahjar *secondary evidence* li hija ghandha f idejha stante ic-cirkostanzi tal-kaz.

Illi skont l-awturi **Ovey and White** fil-ktieb "**Jacobs & White** – The European Convention on Human Rights", jinghad li *"the rights in Article 6 (3) (c) are capable of applying pre-trial, since absence of legal representation at this stage could in certain circumstances affect the fairness of the proceedings as a whole. In the* ***Ocalan*** *case the applicant, the leader of the Workers' Party of Kurdistan (PKK) was detained pending trial for numerous terrorist offences…the island was declared a military zone and access to it was strictly controlled. The applicant was denied contact with his lawyer for the first week of his detention, during which time he was extensively questioned and made a number of admissions…The overall effect of these difficulties so restricted the rights of the defence that the principle of a fair trial was contravened, giving rise to a violation of Article 6 (1), taken together with* ***Article 6 (3) (b) and (c)".***

““*The right to see a lawyer in the early stages of a police investigation is not absolute and where there is good reason, can be subjected to restrictions…The Court has held that where the deprivation of liberty is at stake, the interests of justice in principle call for legal representation*”.

Illi konsistenti ma’ dan dwar l-applikazzjoni ghall-artikolu 6 (1) u (3) (c) tal-Konvenzjoni ghall-istadju preliminari tal-proceduri kriminali, din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza tal-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem fil-kawza “**Imbroscia vs Svizzera”** deciza fl-24 ta’ Novembru 1993 fejn intqal illi:-

““*The manner in which article 6 (1) and 3 (c) is to be applied during the preliminary investigation depends on the special feature of the proceedings involved and on the circumstances of the case. In order to determine whether the aim of article 6 – a fair trial – has been achieved, regard must be had to the entirety of the domestic proceedings conducted in the case*.”

Illi fil-kawza ta’ **“Panovits v. Cyprus”** imsemmija fis-sentenza li nghatat mill-Qorti Kostituzzjonali nhar il-11 ta’ April 2011 fl-ismijiet “**Il-Pulizija (Spettur Victor Aquilina) v. Alvin Privitera”** gie affermat li:-

“*As regards the applicant’s complaints which concern the lack of legal consultation at the pre-trial stage of the proceedings, the Court observes that the concept of fairness enshrined in Article 6 requires that the accused be given the benefit of the assistance of a lawyer already at the initial stages of police interrogation. The lack of legal assistance during an applicant’s interrogation would constitute a restriction of his defence rights in the absence of compelling reasons that do not prejudice the overall fairness of the proceedings*”.

Kif stqarret l-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza **Il-Pulizija vs Alvin Privitera** Il l-Qorti Ewropeja fir-rigward din il-kwistjoni dahlet fil-fond fic-cirkostanzi tal-kaz in ezami u sostniet li “...*the Court finds that the lack of provision of*

*sufficient information on the applicant's right to consult a lawyer before his questioning by the police, especially given the fact that he was a minor at the time and not assisted by his guardian during the questioning, constituted a breach of the applicant's defence rights. The Court moreover finds that neither the applicant nor his father acting on behalf of the applicant had waived the applicant's right to receive legal representation prior to his interrogation in an explicit and unequivocal manner"*. F'dan il-kaz fattur iehor determinati ghall-konkluzjonijiet li waslet ghalihom il-Qorti Ewropeja, kien li l-istqarrija tal-akkuzat minorenni kienet, effettivament, il-prova deciziva li wasslet ghas-sejbien ta' htija tieghu.

Illi apparti mill-kaz ta' **"Panovits vs. Cyprus"** hemm ukoll il-kaz kwotat mid-Difiza w cioe' dak il-kaz ta' **"Salduz vs Turkija"** (App. No. 36391/2 datata 27 ta' Novembru 2008) fejn il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem (EctHR) sahqet li:-

""*The Court further reiterates that although not absolute, the right of everyone charged with a criminal offence to be effectively defended by a lawyer, assigned officially if need be, is one of the fundamental features of fair trial (**Poitrimol v. France**, 23 November 1993, § 34, Series A no. 277A, and **Demebukov v. Bulgaria**, no. 68020/01, § 50, 28 February 2008). Nevertheless, Article 6 § 3 (c) does not specify the manner of exercising this right. It thus leaves to the Contracting States the choice of the means of ensuring that it is secured in their judicial systems, the Court's task being only to ascertain whether the method they have chosen is consistent with the requirements of a fair trial. In this respect, it must be remembered that the Convention is designed to "guarantee not rights that are theoretical or illusory but rights that are practical and effective" and that assigning counsel does not in itself ensure the effectiveness of the assistance he may afford an accused (Imbrioscia, cited above, § 38*)."

"*National laws may attach consequences to the attitude of an accused at the initial stages of police interrogation which are decisive for the prospects of the defence in any*

*subsequent criminal proceedings. In such circumstances, Article 6 will normally require that the accused be allowed to benefit from the assistance of a lawyer already at the initial stages of police interrogation. However, this right has so far been considered capable of being subject to restrictions for good cause. The question, in each case, has therefore been whether the restriction was justified and, if so, whether, in the light of the entirety of the proceedings, it has not deprived the accused of a fair hearing, for even a justified restriction is capable of doing so in certain circumstances (see John Murray, cited above, § 63; Brennan, cited above, § 45, and Magee, cited above, § 44)".*

Illi fl-istess sentenza l-Qorti tkompli tghid li "*the Court finds that in order for the right to a fair trial to remain sufficiently "practical and effective" Article 6 § 1 requires that, as a rule, access to a lawyer should be provided as from the first interrogation of a suspect by the police, unless it is demonstrated in the light of the particular circumstances of each case that there are compelling reasons to restrict this right. Even where compelling reasons may exceptionally justify denial of access to a lawyer, such restriction - whatever its justification - must not unduly prejudice the rights of the accused under Article 6 .The rights of the defence will in principle be irretrievably prejudiced when incriminating statements made during police interrogation without access to a lawyer are used for a conviction.' (vide ukoll il-kaz* ***<u>"Plonka vs Polonja"</u>*** *(31 ta' Marzu 2009).*

Illi fil-kaz ta' **<u>"Salduz vs Turkey"</u>,** l-akkuzat ma nghatax il-fakolta' li jikkonsulta m' avukat fuq bazi ta' artikolu tal-ligi li kien jipprojbixxi dan jekk l-allegat reat jaqa' taht certu gurisdizzjoni specjali. Izda l-Qorti qalet li l-Gvern ma gabx gustifikazzjoni ohra apparti l-applikazzjoni ta' dik il-ligi u allura n-nuqqas ta' access ghall-avukat anke f'dan l-istadju gie ritenut bhala leziv ghad-drittijiet tal-akkuzat ghal smigh xieraq. Il-Qorti mbaghad dahlet fil-mertu tal-kaz u kkonkludiet li "*in the present case, the applicant was undoubtedly affected by the restrictions on his access to a lawyer in that his statement to the police was used for his*

*conviction. Neither the assistance provided subsequently by a lawyer nor the adversarial nature of the ensuing proceedings could cure the defects which had occurred during police custody"*. In oltre, fattur iehor determinati ghall-konkluzjonijiet tal-Qorti Ewropeja, kien li l-istqarrija tal-akkuzat minorenni kienet, effettivament, il-prova deciziva li wasslet ghas-sejbien ta' htija tieghu.

Illi kif inghad fis-sentenzi fl-ismijiet "**Il-Pulizija vs Mark Lombardi"** (P.A. (TM)– 9 ta' Ottubru 2009) u dik fl-ismijiet "**Il-Pulizija (Supretendent Norbert Ciappara) vs Esron Pullicino"** (P.A. (S.K.) (J.A.) – 24 ta' Frar 2010) il-Qorti sostniet li dan ifisser li l-fatt li persuna ma tkunx assistita minn avukat ma jwassalx ghall-ksur tad-drittijiet fundamentali tieghu u biex ikun hemm ksur tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja jrid jigi kkunsidrat il-process gudizzjarju kollu u mhux jigu kkunsidrati l-istqarijiet "in isolatio". "*Jekk fi tmiem il-gbir tal-provi l-unika prova kontra l-akkuzat tkun l-istqarrija tieghu allura l-Qorti li trid tiddeciedi l-kaz, trid toqghod attenta ghax sejba ta' htija jistghu jwasslu lill-Qorti tal-Appell biex tqis dik is-sentenza 'unsafe'*".

Dan kollu ghandu jigi ezaminat fid-dawl tas-sitwazzjoni li kienet tezisti fiz-zmien meta sar l-arrest, anke dak mertu tal-kawza odjerna, u cioe' l-assenza totali ta' ligi li b'xi mod tiffissa l-parametri dwar l-assistenza ta' avukat f'dawn is-sitwazzjonijiet, ghaliex hawn Malta qabel l-emenda msemmija ma kien hemm, f'ebda cirkostanza, l-ebda dritt ta' access ghall-avukat mill-mument li persuna tigi arrestata mill-pulizija.

Illi huwa mportanti li jinghad ukoll li mill-gurisprudenza tal-Qorti Ewropeja, d-dritt ghall-assistenza ta' avukat "*at pre-trail stages*" mhix ristretta biss ghall-persuni minorreni li jkun taht arrest. Hekk fil-kaz fl-ismijiet "**John Murray v. the United Kingdom"** (8 ta' Frar 1996), il-Qorti kkumentat dwar l-inferenzi li johrogu mill-agir ta' persuna li titqieghed taht arrest rizultat ta' Ligi fil-Renju Unit, senjatament ir-regolamenti taht '*the Criminal Evidence (Northern Ireland) Order 1988'*. Hawnhekk l-akkuzat ma kienx minuri izda c-cirkostanzi tal-kaz kienu tali li l-Qorti

ddecidiet li l-fatt li l-akkuzat ma kellux access ghall-avukat ghall-48 siegha shah kien jammonta ghall-ksur tad-drittijiet tieghu minhabba l-inferenzi li setghu hargu rizultat tal-agir tieghu meta kien taht arrest.

Illi fil-fatt inghad testwalment li "*The Court is of the opinion that the scheme contained in the Order is such that it is of paramount importance for the rights of the defence that an accused has access to a lawyer at the initial stages of police interrogation. It observes in this context that, under the Order, at the beginning of police interrogation, an accused is confronted with a fundamental dilemma relating to his defence. If he chooses to remain silent, adverse inferences may be drawn against him in accordance with the provisions of the Order. On the other hand, if the accused opts to break his silence during the course of interrogation, he runs the risk of prejudicing his defence without necessarily removing the possibility of inferences being drawn against him".*

*"Under such conditions the concept of fairness enshrined in Article 6 (art. 6) requires that the accused has the benefit of the assistance of a lawyer already at the initial stages of police interrogation. To deny access to a lawyer for the first 48 hours of police questioning, in a situation where the rights of the defence may well be irretrievably prejudiced, is - whatever the justification for such denial - incompatible with the rights of the accused under Article 6 (art. 6)*.' F'kawza ohra fl-ismijiet **"Averill v. the United Kingdom**" (6 ta' Gunju 2000) fejn gew ttrattati l-istess "orders", il-Qorti Ewropeja qalet li anki 24 siegha minghajr konsultazzjoni mal-avukat iledu d-drittijiet fundamentali tal-arrestat.

Illi minn dawn is-sentenzi jidher li ghalhekk tista' tingibed il-konkluzjoni li l-posizzjoni hija li ghalkemm il-fatt wahdu li persuna ma tkunx assistita minn avukat mill-mument li tigi arrestata jista' ma jwassalx *ut sic* ghall-ksur tad-drittijiet fundamentali tieghu, dan xorta jista' fl-ahhar mill-ahhar iwassal ghall-ksur tad-drittijiet fundamentali ta' smigh xieraq sanciti fl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja meta dan jigi kkunsidrat fil-kuntest tal-process gudizzjarju kollu,

u specjalment meta f'dan il-mument krucjali l-istess imputat minghajr tali assistenza legali jkun ghamel xi haga, inkoraggita u/jew indotta jew le, li tkun pregudikat is-sitwazzjoni tieghu, anke fid-dawl tal-prezunzjoni ta' innocenza li huwa ghandu jgawdi qabel u tul l-istess proceduri, li allura jaffettwaw b'mod serju d-dritt tieghu ghal smigh xieraq u dan partikolalment kif prottett taht l-artikolu 6.

In konkluzjoni fuq dan il-punt, din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza fuq citata fl-ismijiet "**Il-Pulizija vs Alvin Privitera"** deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fejn irriteniet li :-

"*Illi din il-Qorti thoss li fid-dawl tal-gurisprudenza tal-Qorti Ewropea dan huwa ghal kollox vitali ghaliex jekk gja kemm il-darba f'dan l-istadju l-persuna tkun waslet sabiex ghamlet xi haga li ppregudikat il-posizzjoni rremedjabilment fid-dawl tad-drittijiet taghha ghal smigh xieraq skont l-istess artikolu, tali regoli u principji elenkati fl-imsemmi artikolu ma jkunu jfissru xejn u dan ghaliex l-istess rimedji u garanziji hemm indikati jkunu effettivament gew resi ineffettivi ghall-protezzjoni tal-persuna nkluza il-presunzjoni ta' innocenza. Kien ghalhekk li l-Qorti Ewropeja enfasizzat li hija ghandha tara li jkun hemm protezzjoni effettiva ta' dak li huma d-drittijiet fundamentali tal-bniedem u mhux biss enuncjazzjoni fl-astratt u dikjarazzjonijiet tal-istess biex fl-ahhar mill-ahhar dan ma jservu xejn ghall-persuna li suppost ghandha tircievi l-istess protezzjoni, u dan fuq kollox ghaliex tali drittijiet huma tant importanti li l-Qorti ghandha tara li bhala minimu l-persuna ghandha verament tgawdi minnhom, ghaliex jekk ma jkunx hekk il-bniedem jigi totalment sottomess ghal dak li huma l-poteri ta' min huwa hafna ikbar minnu.*

*"Illi ghalhekk jidher li ghalkemm id-dritt li persuna jkollha s-servizzi jew l-assistenza ta' avukat wara li jkun arrestat ma huwiex wiehed assolut, izda jidher li wkoll li meta dan ma jinghatax irid ikun cirkostanzi partikolari u impellenti sabiex jiggustifika tali agir minn naha ta' l-Istat u dan ifisser li allura sabiex jigi kkonstat jekk dan huwiex lesiv*

*tad-dritt ta' kull persuna ghas-smigh xieraq, huwa necessarju u essenzjali li dan jittiehed fil-kuntest tal-process kollu u dan b'hekk ifisser li ghandhom jigu ezaminati l-fatti partikolari tal-kaz."*

Din il-Qorti sejra taghmel referenza ghal dak prevalenti fil-pajjiz taghna. Bl-introduzzjoni ta' l-Avviz Legali 35 tal-2010, l-Onorevoli Ministru tal-Gustizzja w l-Intern stabbilixxa d-data tal-10 ta' Frar, 2010 bhala dik meta d-disposizzjonijiet tal-**artikoli 355AT u 355AU tal-Kap. 9** (introdotti fl-**artikolu 74 tal-Att III tal-2002** li jemenda l-Kodici Kriminali) kellhom jidhlu fis-sehh, meta dawn l-artikoli ghall-ewwel darba espressament jaghtu dritt ghall-access ghall-avukat lill-persuna li tigi arrestata taht il-premessi hemm indikati, ghalhekk jirrizulta li l-istess artikoli gew fis-sehh ghal dak li huwa l-kaz odjern biss wara d-data tal-arrest tal-imputat, li b'hekk dak iz-zmien l-imputat ma kellu ebda dritt fil-ligi li jikkonsulta ma' avukat mill-mument meta gie arrestat.

Illi bl-emendi proposti jirrizulta li skond id-disposizzjonijiet tas-**subartikolu (1) ta' l-artikolu 355AT** hemm provdut li persuna li hija arrestata, jekk hija hekk titlob, tithalla kemm jista' jkun malajr tikkonsulta privatament ma' avukat jew prokuratur legali, wicc imb'wicc jew bit-telefon, ghal mhux iktar minn siegha zmien. Kemm jista' jkun malajr qabel ma tibda tigi interrogata, l-persuna taht kustodja ghandha titgharraf mill-Pulizija bid-drittijiet li ghandha taht dan is-subartikolu. Is-subartikolu (5) jaghti lista ta' ragunijiet li jiggustifikaw d-dewmien tal-ghoti ta' dan id-dritt f'kazijiet partikolari.

Illi l-artikolu 355AU jitkellem dwar l-inferenzi li jistghu isiru minhabba li ma jissemmewx xi fatti ta' parti tal-akkuzat.

"(1) *Meta fi proceduri kontra persuna ghal xi reat tinghata xiehda li l-akkuzat - a) f'kull waqt qabel ma jkun gie akkuzat bir-reat, meta jkun qed jigi interrogat mill-Pulizija li jkunu qed jippruvaw jikxfu jekk ir-reat ikunx sar u min ikun ghamlu, jkun naqas milli jsemmi xi fatt li huwa jserrah fuqu fid-difiza tieghu f'dawk il-proceduri; jew (b) meta jkun qed jigi akkuzat bir-reat jew ikun qed jigi*

*ufficjalment mgharraf li jista' jigi mharrek dwaru, jkun naqas milli jsemmi dak il-fatt, li jkun fatt li fic-cirkostanzi li jkunu jezistu f'dak il-waqt l- imputat seta' ragonevolment jkun mistenni li jsemmi meta jkun gie hekk interrogat, akkuzat jew mgharraf, skont il-kaz, ghandu japplika is-subartikolu (2) jekk jintwera li l-imputat kien ircieva parir legali qabel ma jkun gie interrogat, akkuzat jew mgharraf kif hawn aktar qabel imsemmi".*

*"(2) Meta dan is-subartikolu jkun japplika –*

*"(a) Qorti tal-Magistrati, Bhala Qorti Istruttorja li tkun qed taghmel decizjoni taht l-artikolu 401 (2);*

*"(b) Il-Qorti jew il-Guri, meta jkunu qed jiddeciedu jekk persuna akkuzata jew imputata tkunx hatja tar-reat li bih tkun giet akkuzata, tista' taghmel dawk l-inferenzi minn dan in-nuqqas bhalma jidhru xierqa, liema inferenzi ma jistghux wahedhom jitqiesu bhala prova ta' htija izda jistghu jitqiesu bhala li jammontaw ghal korroborazzjoni ta' kull xiehda ta' htija tal-persuna akkuzata jew imputata".*

Il-Qorti hawnhekk taghmel referenza ghal dak li ntqal fis-sentenza fuq citata "**<u>Il-Pulizija vs Alvin Privitera</u>"** fejn inghad li "*Illi fil-kaz in ezami, huwa car li fiz-zmien tal-arrest tal-imputat kien hemm in-nuqqas totali ta' legislazzjoni li tipprovdi ghall-assistenza ta' avukat fl-istadju qabel ma persuna tigi akkuzata formalment quddiem il-Qorti, kif tajjeb osservat il-Prosekuzzjoni. Dan iffisser li lanqas biss kien hemm parametri fejn l-Istat seta' jew ma setghax jaghmel restrizzjoni ta' dan id-dritt ghall-assistenza legali, w dan qed jinghad fid-dawl tal-gurisprudenza fuq citata tal-Qorti Ewropea. B'hekk ir-restrizzjoni ghall-access ghall-avukat lill-persuna arrestata kienet wahda totali, w f'dan l-isfond in konformita' mas-sentenza moghtija ricentement mill-Qrati Kostituzzjonali taghna, din il-Qorti thoss li dan imur kontra l-obbligi posittivi li ghandu l-Istat sabiex jimplimenta kif suppost l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja, u dan ghaliex bin-nuqqas ta' l-istess, l-istess drittijiet hemm stabbilment sanciti w espressi jista' jkun li jigu ghal kollox vanifikati."*

Illi l-Prosekuzzjoni ssostni li din il-Qorti m'ghandhiex tordna l-isfilz ta l-istatement tal-imputat ghaliex dan ittiehed skond il-ligi *in vigore* meta gie rilaxxjat. Bir-rispett kollu, pero' l-Qorti ma taqbilx ma' din it-tezi w dan ghaliex jekk tali tehid ta' statement imur kontra d-drittijiet fondamentali tal-akkuzat, din il-Qorti trid tqis dan il-fattur, ghaliex altrimenti jkun ifisser li d-drittijiet fundamentali tal-bniedem jistghu facilment jigu eluzi, w fuq kollox din il-Qorti hija tal-fehma li fic-cirkostanzi odjerni l-Prosekuzzjoni ma gabet l-ebda gustifikazzjoni ghaliex ghandu jkun hemm xi restrizzjoni ghall-access tal-imputat ghall-avukat, hlief li l-ligi kif kienet ma kinitx tipprovdi ghal tali dritt favur persuna arrestata, w dan f'ghajnejn il-Qorti huwa iktar serju fid-dawl tal-kazi ccitati w ezaminati mill-Qorti Ewropeja fejn fil-pajjizi relattivi kien jezisti almenu tali dritt izda b'restrizzjonijiet ghall-kazijiet specifici li l-Qorti Ewropea fil-kazijiet partikolari hasset li kienu mhux sufficjenti; *multo magis* f'dan il-kaz meta qabel l-emendi msemmija ma kien jezisti l-ebda dritt t'access ghall-avukat ghal xejn, u allura s-sitwazzjoni kienet izjed serja w pregudikanti ghal kull persuna li tkun arrestata. Illi ghalhekk in vista tas-suespost, din il-Qorti qed tiddikjara li mhiex ser tiehu konjizzjoni tal-istatement tal-imputat.

Dwar it-tieni talba, w cioe' li din il-Qorti ghandha wkoll tordna l-isfilz tal-istatements ta' terzi persuni ghaliex mill-process ma jirrizultax li dawn gew mehuda skond il-ligi, l-Qorti ghandha s-segwenti xi tghid. Dawn l-allegati statements (li fil-process hemm biss fotokopji taghhom) ittiehdu fil-11 ta' Marzu 2000 (Dok JM fol. 64, Dok JM1 fol. 66 u Dok JM2 fol. 58). Minn ezami ta' dawn id-dokumenti, li huma fotokopji, ma jidhirx li dawn qatt gew konfermati quddiem il-Magistrat tal-Ghassa kif tirrikjedi l-ligi sabiex jistghu jingiebu bhala prova kontra l-imputat. Fuq l-istqarrijiet in kwistjoni m'hemm l-ebda referenza li kienu jifformaw parti minn xi Inkjesta Magisterjali.

Fil-kopertina tal-*proces verbal* li nzamm mill-Magistrat tal-Ghassa hemm imnizzel li kien hemm tliet statements ta' tlieta min-nies detenuti l-Isptar Monte Carmeli li rrilaxxjaw stqarrija nhar il-11 ta Marzu 2000. Dan pero' ma jfissirx li

huma l-istess tliet statements li l-Prosekuzjoni esebiet fotokopji taghhom. Zgur li l-Qorti ma tistax taccetta prova fjakka bhal din sabiex tiddeciedi kaz ta' traffikar ta' droga, li jimporta piena ta' habs, kontra persuna akkuzata. Il-proceduri kriminali ghandhom ikunu hafna aktar serji minn dak li qed tissuggerixxi l-Prosekuzzjoni w dan ghaliex f'kaz ta' htija din il-Qorti trid per forza minhabba il-legislazzjoni odjerna timponi piena ta' habs. Illi ghalhekk, fid-dawl ta' dak li gie rilevat, din il-Qorti ser tordna wkoll l-isfilz ta' dawn it-tliet statements esebiti w immarkati bhala Dok. JM, JM1 u JM2.

Dwar il-provi rimanenti, l-Qorti thoss li dawn huma monki hafna fir-rigward l-ewwel w it-tielet akkuza, w dan ghaliex il-Prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tipprovahom, lanqas remotament. Dwar l-akkuza ta' prokurar ta' droga, hadd mix-xhieda prodotta ma kkonferma li xtara xi droga minghand l-imputat. Ma kien hemm l-ebda xhud okulari li ra lill-imputat iqassam id-droga.

L-uniku xhud li ghamel referenza ghad-droga kien **Lawrence Attard** li nhar is-26 ta' Novembru 2009 (u ghalhekk disa' snin wara li sehh l-allegat incident) jghid is-segwenti: "...*Naf li l-imputat qabad jaghti lil Mugliett fuq xi kwistjoni ta' droga. Jien ma hadtx droga minghand l-imputat. Ma hadt xejn. Huwa minnu li jiena rajt lil Sandro Mifsud jaghti droga lil George Farrugia. Jiena ma nafx effetivament jekk kienx hemm droga jew le ghax ma rajtx, pero' naf li rajtu jghatih xi pakkett. Jiena ma nitax niftakar dak li gara disa' snin ilu*…."

Illi din il-Qorti ma tistax tistrieh fuq xhieda bhal din u tittrattaha bhal xhieda konsistenti w kredibbli. Molto piu' meta tqis li l-Prosekuzzjoni lanqas biss tellghet lil George Farrugia jixhed sabiex jikkonferma *o meno* dak li effettivament seta' rcieva minghand l-imputat. Din it-tip ta' xhieda, ghal din il-Qorti, m'ghandha portata ta' xejn.

Huwa minnu li l-Prosekuzzjoni kienet zvinturata f'dan il-kaz ghaliex id-dokumenti taghha ghosfru, w dan meta l-Ufficcjal Prosekutur prezenti ma kienx involut fil-kaz, pero' ta' dan m'ghandux x'jahti la l-imputat u wisq inqas din il-

Qorti, w il-Qorti ma tistax taghti widen ghal dan in-nuqqas. Il-Prosekuzzjoni rriteniet li f'kaz li hija ma tistax tipprezenta xhieda ewlenija hija ghandha tipprezenta xhieda w prova sekondarja w il-Qorti ghandha toqghod fuqha. Dan huwa veru in principju generali w cioe' li hemm cirkostanzi li l-Qorti taccetta xhieda sekondarja, pero' zgur mhux f'kaz bhal dan, meta x-xhieda *viva voce* fil-Qorti lanqas biss ftakru fuq xhiex kienu ddeponew quddiem l-Ispettur, u l-ebda domanda ma saritilhom f'dan ir-rigward tal-*proces verbal*. Hemm biss ix-xhieda tal-Ispettur li jghid li jiftakar li x-xhieda kienu xehdu bil-gurament quddiem il-Magistrat tal-Ghassa. Pero' ma kkonfermax li dak li xehdu hija l-istess haga li hija rapportata fil-fotokopji esebita. Din il-prova wahedha pero', fil-fehma tal-Qorti, mhix prova.

Dwar it-tielet akkuza din ma tirrizultax lanqas, ghaliex la ma jirrizultax li l-imputat ipprokura d-droga lil terzi, wisq inqas tista' tirrizulta l-akkuza li huwa pprokura d-droga lil terzi meta kienu qed isegwu kors ta' riabilitazzjoni, jew kienu taht xi kura jew programm kontra d-droga. Ghalhekk din ma tista' qatt tirrizulta.

Dwar it-tieni akkuza, u cioe' dik ta' pusess ta' droga, m'hemmx wisq x'jinghad peress li kien l-imputat stess li ammetta din l-akkuza w dan fil-mori ta' dawn il-proceduri, meta l-avukat difensur tieghu ivverbalizzat din l-ammissjoni fl-1 ta' Gunju 2010 (fol. 98).

F'din l-istess seduta ta' l-1 ta Gunju 2010 l-imputat kien dispost li jaghti kampjun tal-awrina tieghu lill-Probation Officer sabiex jindika lill-Qorti r-rieda tajba tieghu li juri li huwa m'ghadux dipendenti fuq id-droga. Din il-Qorti f'dik l-istess seduta kienet innominat lis-Senior Probation Officer Miriam Sevasta sabiex tibghat ghall-imputat minnufih u tiehu dan l-kampjun li l-istess imputat kien lest li joffri.

Illi fis-seduta tal-4 t'Ottubru 2010 (fol. 102) l-imputat iddikjara in Awla li ma kienx hemm lok li jiehu dan it-test ghaliex effettivament kien abbuza mid-droga dik il-gimgha stesss. F'din l-istess seduta xehdet il-Probation Officer u spjegat li kien hemm drabi meta l-imputat ma marx ghall-

appuntamenti moghtija lilu. In oltre, fil-mori ta' din il-kawza l-imputat fetah kaz iehor fejn gie akkuzat fuq serq fuq zewg anzjani w kien irregistra ammissjoni fejn inghata Probation Order minn din il-Qorti diversament presjeduta, kif jirrizulta mis-sentenza esebita w immarkata bhala Dok Z. Fost il-kundizzjonijiet tal-Probation l-imputat kellu jindirizza il-problema li huwa ghandu t'abbuz tad-droga. Ix-xhud spejgat li hija tkellmet mal-imputat dwar din il-kundizzjoni w kien hemm zmien meta wera x-xewqa tieghu li jindirizza din il-problema. Pero' fil-fehma taghha l-imputat m'ghandux din il-motivazzjoni, tant li lanqas kien tkellem mal-Caritas jew Sedqa dwar dan. Tghid ukoll li maghha stqarr li huwa ma jridx jaghmel programm residenzjali.

Rat ir-rikors tal-Probation Officer prezentat nhar it-12 ta' Ottubru 2010 fejn l-istess Probation Officer uriet il-pre-okkupazzjoni taghha ghall-fatt li l-imputat qed johloq problemi gewwa d-Detox u li l-imputat ghandu bzonn l-ghajnuna ghaliex fil-prezent jinsab fil-perikolu kemm ghalih kif ukoll ghal haddiehor.

Nhar il-21 ta Ottubru 2010 xehdet **Vicky Scicluna** mis-Sedqa w spjegat li l-imputat qed isibha difficli sabiex jindirizza l-problema akuta li huwa ghandu tad-droga, w dan ghaliex ma jridx jinghalaq. Ghalhekk huma pprovdewlu *evening sessions* izda minn April sa Ottubru 2010 kein attenda biss ghal tliet sezzjonijiet u dan ghaliex kien qed isibha difficli. Tghid li huwa ta kampjun tal-awrina nhar is-7 ta' Ottubru 2010 u dan ta rizultat prosittiv ghall-presenza ta' *opiates* u kokaina.

Illi nhar id-9 ta' Novembru 2010 l-Probation Officer ipprezentat zewg rapporti li gew immarkati bhala Dok. MB u MB1.

Il-Qorti ghalhekk rat ir-rapport tal-Probation Officer Miriam Sevasta fejn fost affarijiet ohra ddikjarat li l-imputat odjern, li ghandu 37 sena, gia' ghamel tnax-il sena l-habs. Pero' kienet tal-fehma li ghandu jinghata cans sabiex jirrintegra ruhu fis-socjeta'.

Illi din il-Qorti dejjem ghamlet minn kollox u dak kollu li huwa possibbli sabiex tghin lill kull min deher quddiemha bhala imputat u kellu din il-problema serja hafna w f'kazijiet bhal dawn, il-Qorti dejjem tat kull opportunita' sabiex vittmi ta' droga jfiequ minn dan il-vizzju.

Din il-Qorti dan ghamlitu meta kienet konvinta li min kien quddiemha ried tassew u genwinament johrog minn din il-problema w min wera rieda tajba w affidabilita', w ghalhekk kien jisthoqqlu li jinghata cans li jfieq u jerga' jirrintegra ruhu tajjeb fis-socjeta'.

Illi f'dan il-kaz il-Qorti thoss li m'ghandhiex taghti cans lill-imputat sabiex jerga' jirrintegra ruhu w dan ghaliex temmen li ma ghamel l-ebda sforz serju sabiex jindirizza l-problema li huwa ghandu w ghalhekk thoss li jekk thallih barra w igawdi mil-liberta' dan jista' jkun ta' perikolu kemm ghalih kif ukol ghall-haddiehor. Il-fatt li fil-mori ta'dan il-kaz ,li l-Qorti tant hadet pacenzja bih, huwa kkometta reat serju w irregistra ammissjoni, jfisser li l-imptuat qed iwebbes rasu li jkompli bil-hajja ta' kriminalita' w ghalhekk din il-Qorti ghandha tuza l-id kiefra mieghu.

Huwa minnu li l-kaz in kwistjoni sehh hafna snin ilu, pero' dan nonnostante l-imputat ma biddilx hajtu w baqa' jippersisti f'dik l-istess hajja ta' kriminalita'. Bizzejjed jinghad li l-imptuat, li illum ghandu 38 sena mis-sena 1989 sas-sena 1999, u ghalhekk ghall-perijodu ta' ghaxar snin kellu diga' wiehed u ghoxrin *conviction* fuq diversi akkuzi serji. Fosthom jirrizulta li l-imputat kien instab hati fuq reat ta' droga fis-sena 1990 u ghalhekk 21 sena ilu, w dan nonostante baqa' bl-istess vizzju mishut. Ghalhekk dwar l-akkuza solita ta' pusses ta' droga li qed issib lill-imputat hati, din il-Qorti thoss li m'ghandhiex tkun klementi w ghandha tinfliggi piena karcerarja.
In konkluzjoni ghalhekk din il-Qorti qieghda tordna li l-istqarrijiet ta' l-imputat u tat-terzi Charles Mugliette, Lawrence Attard u George Farrugia, kif mitluba taghmel mid-difiza, jigu sfilzati stante li dawn m'humiex provi ammissibbli ghar-ragunijiet fuq imsemmija.

**Ghalhekk fic-cirkostanzi l-Qorti rat l-Artikoli tal-Ligi, u cioe’ l-Artikolu 98 tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta u GN 292/1939 u tiddikjara li qed issib lill-imputat SANDRO MIFSUD hati tat-tieni (2) akkuza w cioe’ pusses ta’ droga, w tikkundannah ghall-piena karcerarja ta’ tmintax-il xahar effettiv u tiddikjara li ma ssibux hati tal-akkuzi l-ohra w tilliberah minnhom.**
**Dwar t-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex ai fini tal-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tikkundanna lill-imputat ihallas l-ispejjez inkorsi mal-hatra ta' periti jew esperti, l-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' tali talba stante li mill-process ma jirrizultax l-ispejjez li gew inkorsi mal-hatra ta’ xi perit.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------